**A.L. 419 ta' l-2003**

**ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)**

**Ordni ta' *Standard* Nazzjonali ta' l-2003 dwar Żieda fil-Paga għall-Impjegati**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att Dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, għamel l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' *Standard* Nazzjonali ta' l-2003 dwar Żieda fil-Paga għall-Impjegati, u għandu jibda jseħħ fl-1 ta' Jannar, 2004.

Żieda għall-għoli tal-ħajja.

**2.** (1) Il-pagi ta' l-impjegati *whole-time* għandhom jiżdiedu b' Lm0.75ċ fil-ġimgħa, u dan b' aġġustament għall-għoli tal-ħajja.

(2) Ir-rata fis-siegħa ta' impjegati *part-time* għandha tiżdied b' wieħed minn kull erbgħin tar-rata ta' żieda speċifikata fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.